MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 258/2013

**Von Brockdorff Imports Limited**

**Vs**

**M.G.S. Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta` attrici prevja kull dikjarazzjoni illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, s-somma ta’ hamest elef, mitejn u disgha u tletin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€5,239.29) rapprezentanti bilanc dovut minnhom ghal merkanzija konsenjata lilhom mis-socjeta’ rikorrenti fuq inkarigu taghhom stess, liema ammont ghadu sal-lum mhux saldat minnhom minkejja li huma gew interpellati diversi drabi biex jghamlu dan il-hlas, ghal liema *Statement of Account* flimkien mal-fatturi relattivi jinsabu hawn anness u mmarkati ‘Dok.A’, bl-ispejjez tal-prezenti, nkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali 166A bin-

numru 1549/13, kopja ta’ liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata ‘Dok.B’, bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-istess ittra ufficjali, u tal-mandat ta’ sekwestru prezentant kontestwalment ma’ dan ir-rikors b’rizerva ghal imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv. Kollox kontra taghhom, li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-3 ta’ Frar, 2014 is-socjeta’ konvenuta ma dehritx ghalkemm debitament notifikata u lanqas ipprezentat risposta u gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Rat li fis-seduta tas-17 ta’ Frar, 2014, is-socjeta’ konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher. Semghet ix-xhieda ta’ Edward Von Brockdorff li kkonferma li l-ammont indikat fir-rikors promoter ghadu dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici. Ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hamest elef, mitejn u disgha u tletin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€5,239.29), bl-ispejjez, nkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali 166A bin-numru 1549/13, bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-istess ittra ufficjali, u tal-mandat ta’ sekwestru prezentant kontestwalment mar-rikors promotur, b’rizerva ghal imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu, kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------